MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Numru 12/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Dorianne Sciberras ta' 29 sena, bint Peter Paul u Marianne nee' Bugeja, imwielda peita', nhar id-29 ta' Marzu 1984, residenti fil-fond numru 2, Triq Zenqa, Castle Hill, Victoria u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 186684(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Dorianne Sciberras li giet akkuzata talli nhar it-18 ta' Marzu 2009, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat Ghawdex ghal

habta tas-siegha u hamsa u ghoxrin (0125hrs) ta' filghodu:
1. Talli bil-hsieb li taghmel hsara lil Toni Muscat akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, fil-waqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti.
2. Talli l-istess data hin lok u cirkostanzi iddenunzjat lil Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tad-29 ta' Marzu 2010.

Semghet lill-imputata tiddikjara illi hija ma kellhiex oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata tinsab akkuzata b'zewg imputazzjonijiet - l-ewwel wahda hija dik ikkontemplata fl-artikolu 101 tal-Kapitolu 9 u cioe' dik tal-kalunja filwaqt illi t-tieni wahda hija dik prevista fl-artikolu 110 u cioe' tal-falza denunzja jew is-simulazzjoni tar-reat. Illi l-investigazzjonijiet mill-pulizija f'dana il-kaz inbdew minn rapport li ghamlet l-imputata illi kienet giet abbuzata sesswalment minn certu Anthony Muscat. Jidher illi kien is-17 ta' Awwissu 2009 meta l-imputata u habiba taghha certu Victoria kienu nizzlu ix-Xatt tal-Imgarr sabiex jiltaqghu ma shabhom u jiehdu drink hemmhekk. Victoria kienet tahdem f'wahda mill-gabbani li hemm ix-Xatt. Kien hu l-imputata Brian Sciberras li wassalhom sax-Xatt u wara xi hin wasal fuq il-post dana Muscat. Muscat wara ftit tal-hin telaq peress illi kellu jattendi ghal xi barbeque li kien qieghed jigi organizzat fil-vicinanzi, izda ghal habta tad-9:30p.m. huwa

rega' inghaqad ma' dawn iz-zewgt tfajliet. Muscat xtara xi cards tal-mobile lill-imputata u anke xtralha xi drinks. Jidher illi l-imputata kienet ikkunsmat ammont ta' alkohol u kienet anke xurbana, tant illi hija bdiet anke taghti certu kunfidenzi lil xi irgiel li kienu prezenti fosthom ukoll lil dana Muscat fejn anke bdiet tghannqu u tbusu. F'hin minnhom il-habiba taghha kellha titlaq urgentement peress illi kienet giet mgharrfa minn ommha illi missierha kien hassu ma jiflahx u kellha tirritorna id-dar mill-iktar fis. Victoria ghalhekk telqghet bl-intiza illi lill-imputata kellu iwassalha id-dar zijuha Victor li kellu l-gabbana. Gara madanakollu illi ghal habta ta' nofs il-lejl l-imputata irritornat id-dar ma' Anthony Muscat li offra li iwassalha sad-dar taghha gewwa c-Citadella. Kif wasslu vicin it-traffic lights tax-Xewkija, Muscat kellu iwaqqaf il-vettura u hawnhekk jidher illi gew skambjati xi kunfidenzi wara li Muscat kien beda iwieghed lill-imputata li kien sahansitra ser jehodha cruise mieghu u hawnhekk l-imputata regghet ghannqet u bieset lil Muscat. Illi minn hawn 'il quddiem ma hemmx qbil bejn l-imputata u Muscat dwar dak li sehh verament. L-imputata tirraporta lill-pulizija illi minflok wassalha sal-pjazza tal-Katidral huwa waqqaf fil-parkegg li hemm fit-telgha tac-Citadella u hawnhekk huwa beda jaghmel avvanzi sesswali fil-konfront taghha. Hija tghid illi qaltlu li kien sar il-hin u xtaqet tmur lejn id-dar izda kif daret sabiex tipprova tiftah il-bieba tal-karozza, nizlilha xi ftit il-qalziet tat-tracksuit li kienet liebsa u hawn Muscat nizlilha dana il-qalziet kif ukoll il-qalziet ta taht u ipprova jitla' fuqha. Hija bdiet timbuttah u tghidlu li riedet tmur id-dar u anke ippruvat tiftah il-bieba tal-vettura, izda tghid illi ma irnexxiliex ghax il-bibien kienu imsakkra. Fil-pront rat lil missierha u lil huha hdejn il-karozza u hawn tghid li ghamlet l-arja u bdiet taghtih fuq rasu. Missier u hu l-imputata bdew jippruvaw jifthu il-karozza, u hawn l-imputata tghid li irnexxielha tohrog. Muscat spicca aggredit minn dawn it-tnejn min-nies, startja il-vettura u telaq minn fuq il-post. Minn hawn l-imputata tghid illi marret ghand il-pulizija u ghamlet ir-rapport.

Muscat minn naha tieghu isostni illi kienet fuq talba ta'l-imputata illi huwa waqqaf il-vettura fil-parkegg u ma baqax tielgha sal-pjazza biha. Isostni illi kienet l-imputata li bdiet

tittantah u intefghet lura fis-seat u nizzlet il-qalziet ta’ fuq u ta’ taht. Hawnhekk huwa jammetti illi messha fuq il-parti privata taghha li kienet esposta, izda jichad illi huwa ipprova jitla fuqha jew li neza’ il-qalziet tieghu ukoll, kif tallega l-imputata. Ighid illi huwa dejjem baqa’ bil-qieghda fis-seat tieghu. Ighid illi f’hin minnhom wasslu missier u hu l-imputata li aggredewh, u bdew jigbduh minn xaghru u jaghtuh bil-ponn fuq rasu filwaqt li kien ghadu fil-vettura. Bdew jhedduh ukoll li kienu ser joqtluh. Ighid illi dawn it-tnejn minn nies anke kissrulu il-hgiega tal-vettura tieghu fis-sahna tal-mument, izda huwa irnexxielu jistartja il-vettura u jahrab minn fuq il-post. Kif kien niezel in-nizla tal-Katidral osserva lill-imputata qed tigi imsawwta minn missierha.

Illi l-imputata tittiehed l-isptar fejn giet ezaminata minn Dr. Coronato Grech li jiccertifika illi l-imputata ma kellha l-ebda sinjali ta’ xi griehi esterni fuqha. Wara dan l-imputata terga’ tigi mehuda l-ghassa tal-pulizija fejn hemmhekk tigi mitkellma ukoll mis-Supretendent Simon Galea li iwissieha biex tghid il-verita kollha ghax l-akkuza li kienet qed taghmel iggorr maghha piena ta’ disa’ xhur prigunerija. L-imputata tinzamm l-ghassa tal-pulizija mill-hin li taghmel ir-rapport taghha u cioe’ ghal habta tas-siegha u nofs ta’ fil-ghodu sa’ sbieh il-jum fejn imbaghad ghal habta ta’ nofs in-nhar hija tirrilaxxja it-tieni stqarrija fejn hemmhekk hija tirtira l-akkuzi li kienet ghamlet fil-konfront ta’ Muscat u tghid illi huma intmessew ma’ xulxin intimament u fl-ebda hin Muscat ma uza vjolenza fil-konfront taghha. Tammetti illi kwalunkwe intimita’ li kien hemm bejnha u bejn Muscat sehhet bil-volonta shiha taghha. Ma taghtix raguni ‘il ghala hija kienet ghamlet rapport kontra Muscat illi dan kien abbuza minnha. Abbazi ta’ dina l-istqarrija allura jittiehdu il-proceduri odjerni fil-konfront ta’l-imputata.

Ikkunsidrat:

<u>Illi **l-artikolu 101 tal-Kapitolu 9** jitkellem dwar i**l-kalunja jew il-falza akkuza**</u>**.**

Ir-reat tal-kalunja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali jitratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalunja hija msejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalunja imsejha indiretta jew rejali. Il-Professur Mamo ighid: ***“such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority.”***

Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta’l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b’dana ir-reat hija illi taghmel hsara lil persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunzja falza trid tkun tali illi abbazi ta’l-istess azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati. F’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta’ Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz:

***”Biex ikun hemm ir-reat ta’ falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali.”***

Ukoll f’sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: ***“L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita’ li ghandha is-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat.***

Fl-ahharnett f’sentenza ohra tal-Qorti ta’l-Appelli Kriminali gie deciz: ***“Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta’kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzaha b’reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma***

***kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghal konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001).***

Il-Professur Sir Anthony Mamo josserva f'dar-rigward:
"***The accuser who gives the information or makes the report or complaint to the competent authority against another person may have grounds for believing or at least suspecting him to be guilty of the offence charged. Notwithstanding that the evidence may subsequently disclose and establish the innocence of the accused, the law could not reasonably punish the accuser who would not have acted from malice and would have merely used and not abused a right which is competent to him. Even in Roman Law – which repressed calumny with the greatest severity – the acquittal of the accused was not reason enough for subjecting the accuser to the punishment for calumny…. Indeed such punishment could not even be applied in the case in which the accuser had acted rashly or with patent imprudence without pondering on the consequences of the accusation he was making. In our law which requires <u>the intent to harm</u>, the same principles apply. The 'harm' to which reference is here made may consist merely in exposing the victim to the possibility of criminal proceedings being taken and punishment awarded against him. <u>Indeed in order that the crime of calumny may subsist the possibility of such proceedings is essential</u>.***[1] " (sottolinjar tal-Qorti).

Illi minn dina l-esposizzjoni legali li jaghmel il-Professur Mamo tohrog il-*mens rea* rikjesta sabiex jigi stabbilit ir-reita' fil-persuna li tkun ghamlet ir-rapport jew id-denunzja. Irid ikun hemm l-intenzjoni illi issir hsara lil persuna denunzjata. Irid jigi ippruvat lil hinn minn kull dubbju illi ir-

[1] Notes on Criminal Law, Vol. II, p. 54.

rapport ikun sar bl-iskop illi jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-reat, u bil-konoxxenza illi dik il-persuna hija innocenti.

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta ippruvat illi l-imputata ghamlet rapport mal-pulizija illi id-denunzjat kien abbuza minnha sesswalment u li kien hemm attentat vjolenti ghal pudur taghha. Illi l-fatt materjali ghalhekk jirrizulta illi sehh. Illi madanakollu l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tressaq provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi meta l-imputata ghamlet ir-rapport taghha hija ghamlet dan bl-intenzjoni illi taghmel hsara lil Anthony Muscat u li kienet konxja tal-fatt illi bir-rapport taghha kienu ser jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Illi fix-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone, li kien prezenti fl-ufficcju tal-Ispettur Josric Mifsud meta dahlet l-imputata biex taghmel it-tieni stqarrija taghha huwa ighid: "***malli dahhlu WPC47 qalet lill-Ispettur Mifsud illi Dorianne kienet lesta taghmel stqarrija fejn f'din l-istqarrija kienet ser tghid illi ghamlet rapport falz u dana ghaliex ma rieditx twahhal lill-persuna illi kienet qed takkuza disa snin habs***."[2] Jidher illi filwaqt li kienet qieghda l-ghassa tal-pulizija hija kienet giet mgharrfa bil-fatt illi jekk hija kienet ser tippersisti bir-rapport taghha Muscat jista' jehel sa disa' snin habs. Mill-provi ghalhekk jidher illi din kienet wahda mill-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-imputata qabel ma irtirat ir-rapport taghha. Minn hawn johrog illi l-imputata bir-rapport taghha ghalhekk ma reditx taghmel hsara lil Muscat u ghalhekk irtirat r-rapport taghha. Fil-fatt minn ezami akkurat tal-atti, l-Qorti ma setghetx issib prova wahda li tindika x'kienet ir-raguni 'il ghala l-imputata irrappurtat lil Muscat – jekk hux ghax dak li tallega verament sehh, jekk hux ghax bezghet mir-reazzjoni kemmxejn vjolenti ta' missierha u huha, jew ghal xi raguni ohra. X'kienet l-intenzjoni ta'l-imputata ma tirrizulta minn imkien mill-provi. Kwindi minn dan jidher l-*mens rea* rikjest sabiex jissussisti dana ir-reat huwa mankanti.

Illi l-Qorti tista' tieqaf hawn, izda thoss illi ghandha tirrileva illi apparti il-konsiderazzjonijiet maghmula, ma hijiex

[2] Ara xhieda a fol.47

sodisfatta mill-provi li hemm fl-atti illi r-rapport maghmul mill-imputata kien ghal kollox falz. Illi mix-xhieda li hemm fl-atti jirrizulta illi fil-lejla in kwistjoni l-imputata kienet ikkunsmat ammont mhux hazin ta’ alkohol tant illi ma kenitx qed tqis il-konsegwenzi ta’l-azzjonijiet taghha u bdiet taghti certu kunfidenzi lil xi irgiel fosthom lil Muscat, li permezz taghhom hija x’aktarx kienet qed twassal messagg zbaljat lil dan ir-ragel. Illi bejn l-imputata u Muscat hemm differenza kbira fl-eta’. Muscat suppost huwa ragel matur u mizzewweg ghalkemm jidher illi ghandu xi problemi matrimonjali. Illi jirrizulta ukoll illi kellu hbiberija ma’ dawn iz-zewg tfajliet, u cioe’ l-imputata u l-habiba taghha Victoria, li ma kenux tamparu fl-eta’ u kien anke joqghod jixtrilhom xi rigali biex b’hekk jinghogob maghhom. Ma hemmx dubbju illi dana kien jaghmlu ghaliex kien qieghed jittama illi dawn it-tfajliet setghu jaghtuh xi haga in kambju. Illi bl-agir taghha f’dik il-lejla l-imputata ghalhekk tatu x’jifhem illi kienet ser taghtih xi pjacir sesswali, u ghalhekk Muscat beda jaghmel l-avvanzi tieghu. L-imputata izda tghid illi f’hin minnhom hija ma baqghetx tiehu gost b’dawn l-avvanzi u qaltlu biex jieqaf, izda dana l-messagg ma wasalx sewwa u hu fehem bil-kontra. Illi f’dana il-mument inzertaw wasslu missier u hu l-imputata illi hassbu illi Muscat kien qed jabbuza minn dina it-tfajla u qam argument shih. L-imputata tghid illi nizzlet taghmel rapport l-ghassa minn jeddha u mhux ghax gieghluha missierha u huha. Fi kwalunkwe kaz ghal xi raguni inspjegabbli l-imputata inzammet l-ghassa ghal diversi sighat ghalkemm hija kienet l-allegata vittma ta’ reat. Illi l-imputata irrilaxxjat l-ewwel stqarrija taghha fl-4:30 ta’ fil-ghodu u cioe’ tlett sighat wara li ghamlet ir-rapport. Minflok jittihdilha rapport, hija tirrilaxxja stqarrija fejn anke tinghata t-twissija daqs li kieku kienet persuna suspettata bil-kummissjoni ta’ xi reat. Wara dan hija tibqa’ tinzamm l-ghassa tal-pulizija ghal xi raguni inspjegabbli u dana sakemm il-pulizija kienet qed tkompli bl-investigazzjonijiet taghha. Jidher illi Muscat jigi arrestat u mitkellem u abbazi ta’ dak li ighid dan Muscat lill-pulizija fejn huwa jichad l-allegazzjonijiet ta’l-imputata u abbazi ta’ prova li jaghmlu il-pulizija fejn jistabbilixxu illi dak li qalet l-imputata fir-rapport taghha illi Muscat sakkrilha il-karozza u ma setghetx tiftaghha minn gewwa ma kienx minnu,

tittiehed decizjoni illi l-imputata kienet qed tigdeb. Ghalhekk hija tigi mitkellma mis-Supretendent Simon Galea fejn dana iwissieha biex toqghod attenta ghaliex jekk taghmel rapport falz tista tispicca l-habs. Tigi imwissija ukoll mill-Ispettur Josric Mifsud u anke minn pulizija ohra tant illi l-imputata tigi intimidita u tibda tibza', iktar u iktar meta jibdew ighaddu is-sighat u hija tibqa mizmuma l-ghassa tal-pulizija. Ghal habta ta' nofs in-nhar hija turi ix-xewqa li tirrilaxxja stqarrija ohra fejn, qabel tidhol, tghid lil WPC 47 li kienet qed takkompanjaha, illi kienet ser tirtira r-rapport taghha biex tehles ghax ma rieditx tidhol fl-inkwiet[3]. Fix-xhieda taghha l-imputata tghid illi kienet imbezza u ghajjiena u riedet tirtira kollox halli tkun tista' tmur lejn id-dar. Illi seba' sighat wara li irrilaxxjat l-ewwel stqarrija, l-imputata tirrilaxxja it-tieni stqarrija fejn tirtira l-ewwel rapport taghha u tghid illi dan kien rapport falz. Il-Qorti innutat izda illi f'din it-tieni stqarrija filwaqt li qed tirrakonta dak illi sehh fil-lejla ta' qabel meta kienet ghadha l-Imgarr, f'hin minnhom tafferma is-segwenti: "Nibqa nghid imma li jiena fl-ebda hin ma nizzilt il-qalziet!" meta dina l-affermazzjoni ma ghandhiex x'taqsam mal-kuntest ta' dak li kienet qed tistqarr f'dak il-mument, donnha trid xorta wahda tibqa' tafferma illi dak li sehh bejnha u bejn Muscat sehh kontra il-volonta taghha.

Illi ghalhekk fl-isfond ta' kif saret dina l-investigazzjoni, l-Qorti ma tistax lanqas taghti wisq pis lit-tieni stqarrija rilaxxjata mill-imputata u tibqa' b'dubbju serju dwar jekk ir-rapport ta'l-imputata kienx fil-fatt wiehed falz jew le. Illi fid-dawl ta' dana id-dubbju il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputata.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali jindika ukoll l-artikolu 110 minghajr ma jindika madanakollu taht liema subinciz dina l-Qorti tista issib htija.

[3] Ara xhieda ta' WPC47 a fols.29 u 30

**<u>L-artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9</u>**:

Ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja. Dana peress illi kif inghad iktar 'il fuq filwaqt illi ir-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejjha rejali u indiretta. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."***

Fl-ahharnett mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati.

**<u>L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat</u>**

Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:
***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the***

***administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person</u> and <u>there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally<u> the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation</u>.(sottolinjar tal-Qorti)"***

F'sentenza moghtija mil-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi maghmula dina l-esposizzjoni legali u abbazi tal-konsiderazzonijiet maghmula iktar ‘il fuq, il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi ma tistax issib htija la ghar-reat ikkontemplat fis-sub-inciz wiehed ta’ dana l-artikolu tal-ligi u wisq inqas ghal dak ikkontemplat fis-subinciz tnejn billi f’dana il-kaz kif gie stabbilit l-imputata ghamlet rapport kontra persuna partikolari u ma huwiex kaz fejn dina holqot xi tracci ta’ xi reat, kif spjegat iktar ‘il fuq.

Ghaldaqstant fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputata mill-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------